Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 393/2017

**Il-Pulizija**

**(Supretendent Antonello Grech)**

**vs**

**Franky Cini**

Seduta tat-18 ta' Marzu, 2022

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellat, Franky Cini, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 10681G quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti Istruttorja talli:

1. Fil-25 ta' Lulju 2005, għall-ħabta tal-9:50a.m. fi Triq Zaqi, Żebbuġ, Għawdex bil-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja f'periklu ċar, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt billi ta diversi daqqiet ta' arma bil-ponta (turnavit) fuq il-persuna ta' Joseph Portelli, u liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tiegħu;

2. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkustanzi kkaġuna offiza

ta' natura gravi fuq il-persuna tal-imsemmi Joseph Portelli;

3. U aktar talli f'dawn il-gzejjer, xi ħin filgħodu fl-istess data, ġewwa ż-Żebbuġ, Għawdex, volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli u cioe' għamel ħsara fil-vettura numru ta' reġistrazzjoni ELX999 għaddannu ta' Lynette Antonia Portelli liema ħsara hija ta' aktar minn Lm50 iżda ma tiskorrix il-Lm500;

4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u ċirkustanzi, bla ħsara għal kull disposizzjoni oħra tal-Kodiċi Kriminali applikabbli għall-użu tal-armi tan-nar, kellu fil-pussess tiegħu arma tan-nar, fil-ħin li għamel id-delitt kontra l-imsemmi Joseph Portelli;

5. U aktar talli fl-istess data u fix-xhur ta' qabel, f'Għawdex kellu fil-pussess tiegħu arma tan-nar u munizzjon mingħajr liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;

Rat ir-rinviju għall-ġudizzju tal-Avukat Generali datat 14 ta' Ġunju, 2013 li bih bagħat lill-imputat sabiex ikun ġudikat mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali għal dak li hemm ravviżat:
fl-artikolu 41 (1)(a), 214, 216 (a)(i)(ii)(iii)(b)(c) u 217;
fl-artikolu 214, 221(1)(2) u 217;
fl-artikolu 325(1)(b)
fl-artikoli 382A, 383, 384, 386 u 412C
fl-artikoli 17,23,31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-liġijiet ta' Malta;

Rat illi fl-udjenza tat-8 ta' Novembru, 2016 l-imputat iddikjara li ma kellu l-ebda oġġezzjoni li l-każ tiegħu ikun trattat u deċiż bil-

proċedura sommarja;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, tas-27 ta' Settembru, 2017 li biha ma sabitx lill-imputat ħati tal-ewwel u t-tieni imputazzjoni u minnhom illiberatu, ma sabitux ħati ukoll tat-tielet imputazzjoni kif dedotta iżda wara li rat l-artikolu 328(d) u 11(1) tal-Kodiċi Kriminali, sabitu ħati tar-reat kompriż u involut ta' ħsara involontarja u kkunndannatu għall-piena ta' multa ta' ħames mitt euro (€500).

Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Ġenerali, ppreżentat fir-reġistru ta' din il-Qorti fis-17 ta' Ottubru, 2017, li bih talab lil din il-Qorti jogħġobha **tirrevoka** s-sentenza appellata billi ssib lill-appellat ħati tal-akkużi kollha kif dedotti kontra tiegħu skond kif miġjuba minnu fir-Rinviju a Ġudizzju tiegħu (tentattiv ta' ferita gravi, feriti ħfief, ħsarat volontarji) u tipprosegwi sabiex tinfliġġi l-piena idoneja skond il-ligi;

Rat l-aggravji kif postulati fir-rikors tal-appell tal-Avukat Ġenerali;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. Illi tajjeb li jkun minnufih senjalat illi għalkemm l-imputat

appellat kien oriġinarjament mressaq quddiem il-Qorti Istruttorja b'ħames imputazzjonijiet bl-ewwel waħda dik ta' tentattiv ta' omiċidju u bir-raba u l-ħames waħda dwar pussess ta' arma u munizzjon, wara l-kumpilazzjoni tal-provi l-Avukat Ġenerali għażel illi jibgħat lill-imputat sabiex ikun ġġudikat fuq tentattiv ta' offiża gravi, kommissjoni ta' offiża gravi bl-alternattiva ta' offiża ħafifa u dwar ħsara volontarja fuq ħwejjeġ ta' terzi u b'hekk jiġi li rtira l-imputazzjonijiet l-oħra u kien għalhekk li l-ewwel Qorti prolatat is-sentenza tagħha fuq tlett imputazzjonijiet u mhux fuq il-ħamsa oriġinali;

2. Illi l-fatti ta' dan il-kaz brevement rakkontati huma dwar inċident li inizzjalment kien dwar ħsarat fuq vettura li żviluppa f'argument bejn żewġ persuni li jiġu minn xulxin anke jekk mill-bogħod liema argument eskala sal-punt ta' feriment minn u wara sparatura. Huwa pależi li bejn iż-żewg familji kien ġia preżenti animu ħażin u fil-jum tal-inċident, bint ċertu Joseph Portelli kienet ċemplet lill missierha biex tinfurmah li Franky Cini, li joqgħod maġenb Portelli, kien laqtilha l-vettura tagħha bit-truck tiegħu. Sakemm wasal fuq il-post, Cini kien ġia telaq u għalhekk Portelli mar ifittxu u meta sabu saq għal-quddiemu u għalaqlu t-triq, niżel mill-karozza biex ikellem lil Cini iżda meta tfaċċat vettura li riedet tgħaddi, Portelli reġa daħal fl-karozza sabiex jiżgombra t-triq u hemm inqalet il-ġlieda b'żewġ verzjonijiet li jsegwu fejn Portelli jgħid li inizjalment kien irnexxielu jxejjen lil Cini li wara preżenta arma li Portelli reġa ħadlu minn idu u f'mument meta ħassu għajjien ġibed il-grillu. Cini jallega li kien Portelli li baqa' jargument minkejja li ammetta li kien għamel ħsara fil-vettura ta' bintu u li lest li jagħmel tajjeb għaliha meta Portelli rritorna fil-vettura u ġab arma tan-nar fejn Cini ttenta

jżommu iżda xorta waħda renxxielu jisparalu żewġ tiri wara xulxin;

3. Illi qabel kull konisderazzjoni oħra jeħtieġ li tkun deċiża l-eċċezzjoni ta' nullilta' tar-rikors tal-appell tal-Avukat Ġenerali sollevata mill-appellat li jsostni li la darba kien hemm sejbien ta' ħtija f'waħda mill-imputazzjonijiet, l-Avukat Ġenerali kellu jitlob ir-riforma tas-sentenza u mhux ir-revoka tagħha. L-Avukat Ġenerali, iżda, iżomm ferm mal-posizzjoni tiegħu u jgħid illi anke fejn instabet ħtija qed jitlob ir-revoka u sejbien ta' ħtija fl-imputazzjoni oriġinali;

4. Illi għall-aħjar intendiment, ikun rilevat illi l-imputat kien liberat mit-tlett imputazzjonijiet b'dan illi kwantu t-tielet waħda minkejja li l-ewwel Qorti ma sabitux ħati ta' ħsara volontarja sabitu ħati ta' reat minuri, kompriż u involut ta' ħsara involontarja u dwar dan l-Avukat Ġenerali talab li tkun revokata din il-parti tas-sentenza u tinstab ħtija flimkien mar-reati l-oħra;

5. L-imputat appellat ma għandux raġun f'din l-eċċezzjoni u dan għal żewġ raġunijiet. Fl-ewwel lok it-talba tal-Avukat Ġenerali ma setgħetx tkun mod ieħor la darba qed jitlob mhux biss ir-revoka tas-sentenza kull fejn l-appellat kien misjub mhux ħati u lliberat, iżda ukoll f'dik il-parti tas-sentenza fejn sabitu ħati ta' reat minuri għaliex jemmen li kellu jinstab ħati tal-imputazzjoni kif dedotta għar-rigward tal-ħsara volontarja. L-Avukat Ġenerali seta jagħżel li jagħmel talba alternattiva sabiex ikopri l-eventwalita' li t-talba tiegħu tkun miċħuda iżda din hija prerogattiva assoluta tiegħu u la darba ma għażilx hekk allura d-diskussjoni teqaf hawn. Fit-tieni lok, anke li ma kienx hekk, fil-mori tal-appell l-emendi fl-

artikolu 520 tal-Kodiċi Kriminali għamel applikabbli *inter alia* l-artikolu 143 (4) tal-Kapitolu 12 tal-liġijiet ta' Malta li jipprovdi illi kull talba għat-tħassir ta' sentenza għandha titqies li tinkludi talba għall-annullament u tibdil tagħha. Din l-emenda kienet introdotta bis-saħħa tal-Att I tal-2018 u għandha titqies bħala *jus superveniens* li tirriżolvi l-kwistjoni hawn devoluta anke jekk għal din il-Qorti ma tirriżulta l-ebda nullita'. Illi għalhekk r-rikors tal-appell muhiex irritu u null u konsegwentement l-eċċezzjoni tal-appellat qed tkun respinta;

6. Illi, fis-sustanza, l-Avukat Ġenerali jillanqa s-sentenza appellata inizzjalment bil-gravam tal-apprezzament tal-provi u jallega li dan hu dovut għal fatt li l-Maġistrat deċident ma sema l-ebda prova *viva voce* kif titlob il-liġi. Dwar din l-allegazzjoni l-Avukat Ġenerali ressaq argumenti u ċċita sentenzi ta' din il-Qorti li fihom kienet dikjarata n-nullita' tas-sentenza proprju minħabba inosservanza ta' formalita' essenzjali. Madanakollu ma talab ebda tali nullita' u bħal donnu ħalla f'idejn din il-Qorti sabiex tissoleva hi l-aggravju ta' nullita' tas-sentenza tant li talab biss ir-revoka tagħha u sabiex tinsab ħtija fl-appellat. Il-Qorti, iżda, mhix ser tissoleva din in-nullita' għar-raġuni li ser issegwi;

7. Illi l-Avukat Ġenerali huwa korrett fl-esposizzjoni legali kif soretta mill-ġurisprudenza minnu ċitata sa ċertu żmien dwar id-dover tal-Qorti li tisma' x-xhieda *viva voce* u dan kif jemerġi mill-artikolu 646 tal-Kodiċi Kriminali. Huwa pależi illi l-Maġistrat deċident ma semgħax hu stess il-maġġior parti tax-xhieda f'dan il-każ, iżda, tajjeb li jkun osservat is-segwenti. Lura fis-sena 2007, l-imputat tressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti Istruttorja. Fis-sena 2014, il-Maġistrat li kienet qed

tikkumpila l-atti kienet elevata għall-Imħallef u għalhekk il-kumpilazzjoni għaddiet fir-responsabilita' ta' Maġistrat ieħor u l-prosekuzzjoni eżentat lill-Qorti milli terġa tisma l-provi mill-ġdid filwaqt illi d-difiża u l-parte civile kienu talbu ftit żmien biex jaraw il-posizzjoni tagħhom (ara verbal tal-udjenza tas-26 ta' Novembru, 2014). Ġara, iżda, illi quddiem it-tieni Maġistrat Istruttur ma laħqu nstemgħu ebda provi sakemm l-atti għaddew għand it-tielet Maġistrat Istruttur fis-sena 2015 fejn hemm kien dikjarat illi l-prosekuzzjoni u d-difiża kienu qed jeżentaw lill-Qorti milli terġa tisma' l-provi mill-ġdid (ara verbal tal-udjenza tat-8 ta' Lulju, 2015). Fl-udjenza tat-30 ta' Settembru, 2015 imbagħad il-parte ċivile rreġistrat l-istess esenzjoni u b'hekk ġie li l-partijiet kollha kienu eżentaw lill-Qorti mis-smiegħ mill-ġdid tal-provi mismugħa sa dakinhar;

8. Minn hemm 'l quddiem l-Qorti Istruttorja komposta mit-tielet Maġistrat semgħet provi oħra fosthom ix-xiehda tal-parte civile' Joseph Portelli u tal-istess imputat. Jirriżulta għalhekk illi l-Maġistrat deċident kien ukoll sema viva voce l-aktar żewġ xhieda prinċipali. Illi għalhekk mhux korrett l-Avukat Ġenerali fir-rassenja tal-*iter* proċedurali ta' dan il-każ.

9. Issa, għalkemm l-Avukat Ġenerali iċċita sentenzi ta' din il-Qorti in sostenn tal-argument tiegħu, it-tħaddim tal-artikolu 646 tal-Kodiċi Kriminali b'daqstant riġidita' u rigorożita' jeħtieġ li jkun mistħarreġ mill-ottika taċ-ċirkostanzi partikolari ta' kull każ għaliex hawn fejn hu żbaljat l-Avukat Ġenerali meta jtenni li : "*Illi in vista ta' dan l-appellant jissottometti umilment illi l-fatti li l-Qorti ma semgħetx ix-xhieda jew xi uhud mix-xhieda* viva voce *twassal għal ksur tal-artikolu 646(1) tal-Kapitolu 9 tal-liġijiet ta'*

*Malta u dan indipendentement minn kwalunkwe verbal li seta sar fil-kors tal-proċeduri u bil-qbil tal-partijiet*". Dan għaliex, l-ewwel Qorti rregolat il-posizzjoni billi staqsiet lill-partijiet almenu f'żewġ okkazzjonijiet jekk kienx hemm il-ħtieġa li jerġgħu jinstemgħu il-provi u fiż-żewġ okkażżjonijiet wieġbu fin-negattiv. Tajjeb li jkun osservat illi wara s-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet Il-Pulizija vs Joseph Bartolo tad-9 ta' Settembru 1999 u s-sentenzi ċitati b'approvazzjoni f'dak il-ġudikant, din l-istess Qorti bniet fuq dik is-sentenza u f'kawża fejn identifikat ċirkostanzi li jiddistingwu każ minn ieħor ma laqgħetx it-talba ghan-nullita'. Issir referenza għas-sentenza Il-Pulizija vs Naeim Shady Mohamed Abd-El-Hady tal-31 t'Ottubru, 2013 fejn kien ritenut illi: "*Minkejja illi l-imputat ma jkunx ġie mitlub jissana l-Atti, jekk huwa għal perjodu jissottometti ruħu għall-ġudizzju tal-Maġistrat il-ġdid mingħajr reklam ikun allura qed jagħti l-fiduċja tiegħu f'dan il-Maġistrat ġdid li jkun qiegħed impliċitament jagħti l-kunsens tiegħu sabiex il-proċeduri jibqgħu għaddejjin, f'dan il-każ hekk sar.*". Għalhekk huwa żbaljat l-Avukat Ġenerali meta jtenni li l-posizzjoni kienet "kristalizżata" bis-sentenza Il-Pulizija vs Joseph Bartolo;

10. Din il-Qorti taqbel ma' u tagħmel tagħha dan ir-raġunament u hi tal-fehma illi jekk in-nuqqas ta' oġġezzjoni bħala konsegwenza ġġib magħha l-kunsens taċitu għall-prosegwiment mingħajr l-ħtieġa li jinstemgħu l-provi mill-ġdid, *mundo magis* ma hemm xejn 'l hinn mill-formalita' essenzjali u konsegwentement xejn irritu jekk il-partijiet ikunu eżentaw dan l-eżerċizzju b'mod espress fejn allura jkunu ssanaw l-atti. Issa, fil-każ odjern l-atti kienu sanati bil-kunsens tal-partijiet inkluż allura il-Pulizija li f'isem l-Avukat Ġenerali imexxi l-prosekuzzjoni. Illi għalhekk ukoll ma kien hemm ebda sorpriża fuq il-partijiet li laqgħu t-talba

tal-ewwel Qorti li jagħmlu sottomijssjonijiet finali wara li semgħet lill-protagonisti tal-każ u konsegwentement setgħet tgħaddi sabiex legalment tipprolata s-sentenza tagħha;

11. Illi stante li dan ma kienx aggravju, iżda argument fl-aggravju prinċipali dwar l-allegat apprezzament żbaljat tal-provi, il-Qorti ma tistax tiċħad l-istess. Madankollu dan għandu l-istess effett u jġib miegħu s-segwenti konsegwenza, jiġifieri li la darba l-argument dwar l-artikolu 646 tressaq bħala raġuni għaliex l-ewwel Qorti waslet għal deċiżjoni żbaljata u la darba dan l-argument kien riġettat, kwantu bażat fuq din ir-raġuni, l-ewwel aggravju qed ikun miċħud;

12. Illi fit-tieni aggravju tiegħu, l-Avukat Ġenerali jikritika d-deċiżjoni tal-ewwel Qorti ukoll fuq allegat apprezzament żbaljat tal-provi u in suċċint jgħid li l-ewwel Qorti qatt ma setgħet tasal għall-konkluzzjoni li wasslet għaliha għaliex il-provi juru mod ieħor. Dwar dan jokkorri li jkun minnufih mfakkar il-monitu wisq drabi ripetut minn din il-Qorti li mhix il-funzjoni tagħha li tiddeċiedi l-każ mill-ġdid iżda li teżamina l-provi kollha mill-ġdid biex tkun f'qagħda tiddeċiedi jekk l-ewwel Qorti qabilha setgħetx raġjonevolment u legalment tasal għall-konkluzzjoni li wasslet għaliha. Fi kliem iehor mhix il-funzjoni ta' din il-Qorti li tara kif kienet tiddeċiedi l-każ hi fl-isfond ta' dawk il-provi;

13. Illi kif intqal fil-parti inizzjali ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, l-ewwel Qorti kienet rinfaċċjata b'żewġ uċuħ tal-munita. Issa, kif inhu pależament akkolt fil-ġurisprudenza minn jiġġudika jista' jgħażel li jemmen verżjoni minn oħra u għalhekk l-ewwel Qorti kienet libera li tiskarta verżjoni u

tikkonsidra dik li fil-fehma tagħha kellha mis-sewwa. F'dan il-proċess, iżda, l-għażla ma tistax tkun waħda kapriċċuża u hawn tiskatta l-funzjoni ta' din il-Qorti proprju sabiex tkun ċerta li x-xelta li għamlet l-ewwel Qorti hi waħda li setgħet tagħmel skond il-provi miġjuba quddiemha. Fi kliem ieħor, jekk minkejja li l-provi ma kienu bl-ebda mod jippuntaw lejn imputat ikun wisq irraġjonevoli li Qorti ssib ħtija ċiononostante jew viċe versa u f'dak il-każ ikun l-obbligu ta' din il-Qorti li tintervjeni bil-ġuridzzju taghha;

14. Illi minn eżami tal-atti proċesswali, huwa evidenti li minkejja li l-allegat vittma kif ukoll l-imputat xehedu quddiem l-ewwel Qorti u proprju quddiem it-tielet Maġistrat li effettivament kien il-Maġistrat deċident, ftit li xejn jissemmew il-verżjonijiet tagħhom. Għalkemm l-ewwel Qorti ma tat ebda raġuni għal dan, jidher li din id-deċizjoni kienet radikata minn ħtieġa li żżomm apparti ż-żewġ verżjonijiet u tikkonċentra fuq dak li qalu x-xhieda okulari u l-provi indizzjarji. Dik kienet xelta tal-*modus operandi* tal-ewwel Qorti u din il-Qorti mhix ser tinoltra aktar dwarha anke għaliex jista' jkun li l-ewwel Qorti kienet konsapevoli li għad hemm proċeduri pendenti kontra l-allegat vittma;

15. Issa, l-parte civile essenzjalment jgħid illi wara li ħalla l-vettura tiegħu f'nofs ta' triq tfaċċat vettura li riedet tgħaddi u għalhekk mar biex iressaqha ħalli jiżgombra t-triq iżda fil-ħin ġie l-imputat għal-fuqu li f'idu kellu żewġ oġġetti, wieħed turnavit u l-ieħor ħaġa sewda li ma għarafx. Jgħid li l-imputat beda jtih bit-turnavit u taħ daqqa bil-ħaġa sewda waqt li kien nofsu fil-karozza u nofsu barra. F'hin minnhom waqgħet biċċa ħadida mill-ħaġa sewda li rriżultat kienet arma tan-nar, l-imputat ġabaraha u reġa

għaqqadha mal-pistola, iżda irnexxielu jeħodha f'idu u f'ħin meta ma setax jiflaħ aktar spara żewġ tiri f'żaqq l-imputat (kif jemerġi mid-deposizzjoni tal-parte ċivile u mill-istqarrija tiegħu). L-istess imputat jinnega dan kollu u jgħid li ma kellu l-ebda turnavit f'idejh u peress illi kien jaf li l-parte ċivile kien jiddiletta bl-armi, appena rah sejjer fil-vettura tiegħu mar jiġri warajh biex jiddefendi lilu nniffsu. Issa fit-tfittxija għall-verita' jista' jkun hemm diversi provi li jiddistingwu verżjoni minn oħra inkluż xhieda okulari u provi indizzjarji u jista' ma jkun hemm xejn minn dan u b'hekk il-proċess ġudizzjarju jsir aktar diffiċċli;

16. In tema, iżda, din il-Qorti ma tistax ma titfax piż fuq dak li xehed xhud li hu estraneju għaż-żewġ familji u li dak il-ħin kien qiegħed ġewwa l-garaxx tiegħu. Joseph Caruana xehed illi f'dak il-ħin kien qed jagħmel xi xogħol fil-garaxx tiegħu meta sema xi storbju u ħareġ jittawwal fejn ra żewġ minn nies jiġġieldu, l-imputat u l-parte ċivile. Huwa rahom jagħtu fuq xulxin mal-art u ra revolver f'idejn Joe Portelli u rah jikkargah. Huwa ried jgħalaq il-garaxx u jitlaq minn hemm iżda ma laħaqx, sema' zewġ sparaturi u jgħid li rah iwaħħal ir-revolver ma' żaqqu. Reġa spjega kif ra lil Joe Portelli joħroġ ir-revolver, raħ jikkargaħ, għamilulu ma' zaqqu u "jiġġebbed żewġ sparaturi għal żaqqu". "Dak il-ħin meta sparalu Joe kien qed taħt u Frankie kien qed jipprova iżommlu idejn mir-revolver u rajtu ittellaħulu darbtejn ma rasu hekk u Frankie kull darba ineħħilu idejħ bir-revolver minn ma rasu u imbagħad daħħallhu idu hekk minn taħt żaqqu u ġibed żewġ sparaturi". "Frankie neħħilu idu darbtejn minn ma rasu bir-revolver imbagħad daħħal idu minn taħt u waħħallu ma żaqqu, ġibbed darbtejn". L-ewwel Qorti rriproduċiet ukoll parti relevanti mill-kontro-ezami ta' dan ix-xhud li hija s-segwenti: "X'ħin

rajthom jiena kienu bilwieqfa mqabbdin ġo xulxin. Portelli diġa kellu revolver f'idejh f'dan il-mument";

17. Dan ir-rakkont ma setgħax ma kienx ta' għajnuna għall-ewwel Qorti biex tagħżel verżjoni minn oħra bil-konsegwenza li l-verżjoni tal-parte ċivile kienet skreditata f'liema verżjoni allega li l-imputat mar fuqu b'żewġ oġġetti f'idu u waqt li kellu dawn l-oġġetti waqgħet ħadida mill-ħaġa sewda u minkejja li kellu idu l-oħra okkupata, l-imputat ġabar il-ħadida u għaqqadha flimkien mal-parti l-oħra, r-revolver u dan kollu filwaqt li kienu maqbudin f'xulxin jiġġieldu. Dan ir-revolver, li skond il-parte ċivile jappartjeni lill-imputat, inġabar minn omm l-imputat li ħbietu taħt it-tapit tar-residenza tagħha sakemm ġew il-pulizija u għaddietu lilhom. Din il-Qorti ma tara xejn irraġjonevoli fil-konklużżjoni tal-ewwel Qorti li tiskarta l-verżjoni tal-parte ċivile fl-assjem ta' dan kollu;

18. L-Avukat Ġenerali huwa kritiku tad-deċide tal-ewwel Qorti kwantu li l-imputat aġixxa in difiża tiegħu inniffsu f'dawn iċ-ċirkostanzi bl-ewwel osservazzjoni tkun li l-imputat kellu kull opportunita' illi jaħrab minn dik is-sitwazzjoni u mhux imur hu fuq il-parte civile. Kif tgħallem il-ġurisprudenza u l-akkademja, ir-reazzjoni ta' kull bniedem hija differenti minn dak ta' ħaddieħor u fil-każ odjern il-Qorti ma tara xejn illoġiku u stramb li dik kienet id-deċiżjoni li ħa l-imputat f'dak il-mument biex jiddefendi lilu nniffsu li wara kollox mhix waħda li ma għandhiex titwemmen. Il-ġurisprudenza hija pależi dwar l-elementi li jeħtieġ li jirriżultaw għall-invokazzjoni b'suċċess tar-rikjam għal-leġittima difeża u ċioe' li jrid ikun hemm perikolu gravi, attwali u inevitabbli. L-ewwel Qorti kienet konvinta li dawn l-elementi kienu preżenti fil-

mument li fih seħħ dan l-inċident meta Franky Cini ġera lejn il-vettura tal-parte ċivile biex irażżan lill-istess. Tajjeb li jkun osservat illi bejn is-sedil u l-art tal-vettura tal-parte ċivile instab il-*holster* tal-arma u din il-prova indizzjarja ġia kienet titfa dell qawwi fuq il-verżjoni tal-parte ċivile dwar kif svolġa l-inċident minn meta waqqaf il-vettura tiegħu f'nofs ta' triq biex ikellem lill-imputat. Huwa minnu illi fit-termini tal-artikolu 229(c) tal-Kodiċi Kriminali  min ifittex il-provokazzjoni ma jistgħax jinvoka l-istess fid-difiża tiegħu, iżda dan ma kienx il-każ mill-fattispeċi rakkolti;

19. L-ewwel Qorti għamlet analiżi legali tajba tal-allegati reat kif ukoll dwar l-elementi ta' min jaġixxi fid-difiża tiegħu inniffsu u għalkemm tqis li jkun aktar idoneu li meta tkun ċitata ġurisprudenza l-fatti jkunu eżaminati mill-ottika tal-insenjament invokat sabiex b'hekk ikun mħares il-prinċipju li kull każ għandu jkun deċiż fuq il-mertu tiegħu, anke jekk l-ewwel Qorti kienet xi ftit ekonomika f'dan l-eżerċizzju, il-konkluzjoni tagħha hija waħda raġjonevoli u skond il-ligi;

20. Illi kwantu l-ħsarat fil-vettura ta' bint il-parte ċivile, l-ewwel Qorti korrettament iddeċidiet illi ma kienx hemm raġunijiet biex tinstab ħtija ta' reat volontarju u li l-imputat kellu jwieġeb għall-reat minuri, kompriż u involut ta' ħsara involontarja.

21. Għal dawn ir-raġunijiet, l-appell qed ikun michud.

Giovanni Grixti
Imhallef